

Brussell, 18 ta' April 2018
(OR. en)

7466/18

AVIATION 52
FIN 255

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: ST 7117/18 AVIATION 48 FIN 228	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 18/2017 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri bit-titolu "Ajru Uniku Ewropew: il-kultura nbidlet, iżda għad ma hemmx ajru uniku" – Eżitu tal-proċedimenti

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża l-verżjoni finali tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill imsemmijin hawn fuq, kif adottati mill-Kunsill fis-16 ta' April 2018.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL

dwar ir-Rapport Speċjali Nru 18/2017 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri: "Ajru Uniku Ewropew:
il-kultura nbidlet, iżda għad ma hemmx ajru uniku"

IL-KUNSILL

1. JIEĦU NOTA tar-Rapport Speċjali Nru 18/2017 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri "Ajru Uniku Ewropew: il-kultura nbidlet, iżda għad ma hemmx ajru uniku" u tal-approċċ miftuħ u kritiku tiegħu għall-implimentazzjoni ta' xi komponenti tal-inizjattiva tal-Ajru Uniku Ewropew (SES) tal-UE, li jivvaluta jekk kinux effettivi fl-istabbiliment ta' sistema ta' Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru (ATM) Ewropea aktar effiċjenti.
2. IFAKKAR fl-adozzjoni tal-ewwel pakkett leġislattiv tas-SES fl-2004, li ġie rivedut u estiż sussegwentement fil-pakkett SES II tal-2009, li introduċa skema ta' prestazzjoni, skema ta' imposti riveduta, ir-rekwiżiti għal blokk funzjonali tal-ispazju tal-ajru u ħoloq qafas regolatorju tal-Unjoni għal funzjonijiet tan-netwerk.
3. IFAKKAR fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 219/2007 dwar l-istabbiliment ta' Impriża Konġunta SESAR, bil-ħsieb tal-iżvilupp tal-ġenerazzjoni l-ġdida tas-sistema ATM Ewropea.
4. IFAKKAR fl-Istrateġija tal-Avjazzjoni tal-Kummissjoni adottata fis-7 ta' Diċembru 2015, b'mod partikolari l-Kapitolu II.2.2 dwar "L-ikkompletar tal-Ajru Uniku Ewropew" li jisħaq il-fehmiet tal-Kummissjoni dwar kif jiġi sfruttat il-potenzjal għall-avjazzjoni permezz ta' sistema ATM ottimizzata bis-sħiħ fl-Ewropa.
5. IFAKKAR fil-pożizzjoni tal-Kunsill dwar il-pakkett SES II +, adottat f'Diċembru 2014.

6. JISĦAQ li l-Għanijiet ta' Livell Għoli tas-SES għandhom natura politika ambizzjuża u jiddependu prinċipalment fuq l-evoluzzjoni tat-traffiku tal-ajru fuq terminu twil. Għalhekk il-Kummissjoni, f'konsultazzjoni mal-Istati Membri, għandha tiżgura li dawn jiġu rieżaminati fid-dawl tal-esperjenza, ikunu kemm jista' jkun ibbażati fuq l-evidenza, ikunu bbażati fuq objettivi sostenibbli u li jistgħu jintlaħqu u jkunu riflessi fl-aġġornamenti tal-Pjan Regolatorju tal-ATM.
7. JISSOTTOLINJA li l-integrazzjoni progressiva ta' servizzi, b'mod partikolari permezz tal-użu ta' teknoloġija ġdida li tirriżulta minn ċiklu ta' innovazzjoni komprensiv, għandha timmira l-frammentazzjoni tas-sistema ATM Ewropea. Jekk jiġu proposti opzjonijiet ta' politika ġodda, dawn għandhom ikollhom appoġġ politiku qawwi, miżuri legali bbilanċjati fejn meħtieġ, kif ukoll l-impenn sħiħ tal-partijiet ikkonċernati ċivili u militari.
8. JENFASIZZA l-importanza tal-indipendenza u l-kapaċità tal-awtoritajiet superviżorji nazzjonali fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom taħt il-pakkett leġislattiv SES. Dawn jinkludu s-sorveljanza adatta tal-prestazzjoni finanzjarja tal-fornituri ta' servizzi ta' navigazzjoni bl-ajru.
9. JAPPOĠĠA l-integrazzjoni tal-iskemi ta' prestazzjoni u ta' imposti, bil-ħsieb li jitnaqqas il-piż amministrattiv għall-Istati Membri, il-Kummissjoni, l-awtoritajiet superviżorji nazzjonali u l-fornituri ta' servizz ta' navigazzjoni bl-ajru.
10. JISSOTTOLINJA li l-pożizzjoni tal-Kunsill ta' Diċembru 2014 tiddefinixxi t-tweġibiet għall-kwistjonijiet imsemmija fil-punti 9 u 10.
11. JISSOTTOLINJA li, filwaqt li jittieħed kont tal-ħtieġa għal prestazzjoni omoġenea tan-network kollha kemm hi, l-istabbiliment tal-miri tal-prestazzjoni u l-kriterji għall-valutazzjoni tagħhom għandhom jiddependu fuq approċċ inklużiv u kooperattiv li jinvolvi l-partijiet ikkonċernati kollha u billi jittieħed kont sħiħ taċ-ċirkostanzi lokali.

12. JENFASIZZA li l-iskema ta' prestazzjoni għandha tkun ibbażata fuq sett limitat ta' indikaturi tal-prestazzjoni li għandhom ikunu adatti għall-monitoraġġ tal-prestazzjoni, rilevanti għall-funzjonament tan-network Ewropew u bbażati fuq it-tagħlimiet meħuda minn perijodi ta' referenza preċedenti, b'mod partikolari fejn huma kkonċernati l-kapaċità u l-kosteffiċjenza. Dawn għandhom jiġu żviluppati bl-involviment sħiħ tal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha.
13. IFAKKAR fl-importanza tar-Riċerka u l-Iżvilupp (R&D) tal-ATM biex tiġi żgurata d-disponibbiltà ta' soluzzjonijiet teknoloġiċi u operazzjonali innovattivi u kosteffettivi għall-ambjent futur tal-ATM. Sħubiji pubbliċi u privati għandhom ikunu strumentali fit-trawwim tal-iżvilupp, il-validazzjoni u l-użu f'waqt ta' dawn is-soluzzjonijiet.
14. JISĦAQ li l-appoġġ finanzjarju għar-R&D tal-Unjoni għandu jkollu l-għan li jinkoraġġixxi kemm l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet ġodda u l-implimentazzjoni tagħhom permezz ta' proġetti komuni, u, fejn adatt, it-tnaqqis tal-frammentazzjoni tas-sistema ATM Ewropea. F'dan il-kuntest, l-interoperabbiltà globali u reġjonali għandha tkun objettiv, il-kondiviżjoni ta' infrastrutturi u servizzi għandha tiġi inkoraġġita, l-awtomatizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni għandhom jiġu esplorati bħala mezz possibbli biex is-sistema ATM Ewropea ssir aktar effiċjenti, filwaqt li jittieħed kont tad-dimensjoni umana.
15. JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tirrifletti fuq il-kisbiet tal-proġett SESAR; u JINNOTA li l-proġett SESAR għandu l-għan li joffri opportunitajiet għall-konsolidazzjoni u r-razzjonalizzazzjoni tal-infrastruttura eżistenti tal-ATM f'mod ikkoordinat fil-livell Ewropew, kif ukoll aktar modernizzazzjoni u armonizzazzjoni tas-sistema ATM abbażi ta' teknoloġiji diġitali u satellitari.
16. JIRRIKONOXXI li r-rakkomandazzjonijiet tar-Rapport Speċjali jikkostitwixxu opportunità għal riflessjoni dwar kif tiġi żgurata sistema koerenti, simplifikata, effettiva u effiċjenti tas-sistema ATM Ewropea.